MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 100/2006

Kawza fil-lista: 52

**A B C**
**vs**
**D E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-ghaxra (10) ta’ Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi Bess u markat bhala Dokument ‘A’ u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-

atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datat sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005).

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat b' anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li Jirregola z-Zwigijiet.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta' Novembru 2001 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li Jirregola z-Zwigijiet;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccpeixxa:

1. Illi huwa jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u cioe' li z-zwieg li sar bejnu u bejn ir-rikorrenti fl-10 ta' Novembru 2001 ghandu jigi dikjarat null u bla effett u dan ghar-ragunijiet indikati fir-rikors fl-ismijiet premessi.

2. Illi dwawr il-kap ta' l-ispejjez, dawn ghandhom jithallsu bejn il-kontendenti f' ammonti ugwali u dan peress

li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba vizzju tal-kunsens da parti taz-zewg partijiet.

Rat l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat ir-rapport tal-Psikologa Claudine Azzopardi minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-10 ta’ Novembru 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] u ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], kif ukoll dak tal-konvenut huwa vizzjat fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha taghha l-konvenut jaqbel mat-talba attrici, izda jsostni li t-tort huwa taz-zewg nahat u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati wgwalment.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-10 ta’ Novembru 2001, meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien hames snin. Wara konvivenza matrimonjali ta’ tlett [3] snin, il-partijiet isseparaw bonarjament fis-26 ta’ Ottubru 2005.  Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Mill-provi johrog b’ mod manifest in-nuqqas ta’ preparazzjoni, kemm emozzjonali kif ukoll psikologika tal-

konvenut, li jidhol fl-istat taz-zwieg. Ir-rapport tal-psikologa ma jhallix dubbju dwar dan. Hija tikkonkludi li l-konvenut, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, kellu kundizzjoni fil-personalita’ tieghu li tista’ tigi attribwita “to his impaired capacity for an intimate interpersonal relationship. This means that due to Mr.C’ s condition at the time of the marriage, it was practically impossible for him to fulfil his marital obligations, and in particular, to live an essential component of marital life, which is that of building, sustaining and maintaining an intimate relationship with his wife.” [fol.36]

Illi l-partijiet fix-xhieda taghhom jispjegaw li l-konvenut qatt ma ried jizzewweg, u da parti tieghu huwa ried biss jikkoabita ma’ l-attrici. Huwa kien eventwalment accetta li izzewweg meta fil-fatt l-attrici kienet taghtu ultimatum ta’ jumejn biex jiddecidi, u sabiex ma jarahiex ma haddiehor.

Illi l-konvenut qatt ma ried li jkollu tfal fiz-zwieg, u di fatti, minhabba f’ hekk l-attrici kienet ghamlet zmien twil tiehu l-pillola kontracettiva sabiex ma tinqabadx tqila; liema pillola kellha tieqaf tohodha wara tmien snin minhabba komplikazzjonijiet medici. Izda meta l-attrici kienet waqfet tiehu l-pillola, il-konvenut kien igib hafna skuzi, u ta sikwit jaqla’ argumeti, sabiex jevita li jkollu x’ jaqsam ma’ l-attrici allura martu.

Illi d-decizjoni jew ahjar il-“fissazzjoni” li kellu l-konvneut sabiex ma jkollux tfal, issib il-fonti taghha fi tlett fatturi: [1] il-fatt li huwa kien bata hafna meta kien zghir minhabba s-separazzjoni akrimonuza tal-genituri tieghu; [2] il-fissazzjoni esagerata li kellu sabiex martu ma tihxienx; [3] u l-fattur tal-finanzi, press li minghajr tfal huma jkunu jistghu jibqgu jghixu “ta’ sinjuri.” Jigi osservat li l-fissazzjoni li l-konvenut kellu fuq il-figura ta’ l-attrici kienet sa tal grad li kien jikkontrolla x’ tiekol u x’ tilbes u kien jinsisti li tintizen spiss tant li kien igibilha l-mizien fil-kamra tas-sodda. Inoltre, l-attrici tghid li hu ma kienx ihalliha toqghod id-dar b’ zarbun catt, izda kien jinsisti maghha li f’ kull hin tkun liebsa zarbun bit-takkuna, anke waqt li tkun qed tnaddaf.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jezistu fil-konfront tal-konvenut, biss, il-*capita nullitatis* kontemplati fil-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu precitat.

Mill-provi jirrizulta car li fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali. Huwa ried li wara z-zwieg ma jitbiddel xejn fir-relazzjoni ta' bejnu u bejn martu, u l-affarijiet jibqghu kif kienu matul l-gherusija. Huwa ma setghax jifhem, sforz l-anomalija psikologika li kellu, il-kuncett tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-ben essere reciproku, izda ried li l-affarijiet fil-konfront ta' martu jibqghu kif pingihom hu f' mohhu. Il-mod kif kien igib ruhu ma' l-attrici wara z-zwieg, li bih kien jikkontrolla hajjitha, sabiex ma tihxienx, kif ukoll il-fissazzjoni tieghu biex ma jikkollhomx tfal, jintegraw fil-konfront tieghu l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] fl-intier tieghu, ghax l-anomalija psikologika li kien ibaghti minnha kienet serja tant li minhabba fiha huwa kien fl-impossibilita' li jaqdi obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg, fosthom dawk tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Dan fih innifsu jintegra wkoll il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-10 ta' Novembru 2001. L-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------